**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Carl Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 1013/14**

**Illum, 4 ta' Frar, 2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carl Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 147992M akkuzat talli nhar il-21 ta' Dicembru, 2012, ghal habta tal-10:00am, f'Dawret San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Fiat Doblo bin-numru tal-pjanci JBH-314, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti tieghu, jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Francis Agius u ta' Joseph Sammut,

liema hsara hija ta' natura gravi, u dan dan bi ksur tal-***Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz bi ksur tal-***Artikolu 15 (1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta***.

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura (JBH-314) minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur tal-***Artikolu 16(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta***.

Il-Qorti giet mitluba li tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex

din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Illi xehed PS935 Patrick Cassar li kien mar fuq il-post fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru elfejn u tnax (2012) stante li gie infurmat li kienet sehhet kolluzjoni fuq il-*bypass* ta' San Pawl il-Bahar u kien hemm nies feruti. Fuq il-post kellem lis-sewwieq tal-Fiat Doblo (JBH-314) li qal li ma kienx jaf jekk il-vettura BMW kinitx wieqfa jew miexja bil-mod. Qal li kien fuq il-karreggjata ta' gewwa u mar biex jaqbez il-BMW meta giet *bendy bus* bil-konsegwenza li baqa' diehel fil-BMW fejn imbaghad hareg biex jassisti minnufih lix-xufiera. Ix-xufier tal-BMW qal li kien qieghed barra l-vettura tieghu ma' persuna ohra stante li l-vettura waqfitilhom. Huma kienu quddiem il-vettura biex jaraw xi hsara kien hemm u ma jiftakru xejn aktar ghax gew imtajra bil-karozza taghhom stess peress li l-vann baqa' diehel fil-vettura taghhom. Dan ix-xufier qal li kien xeghel il-*hazard lights* peress li kien

wieqaf. Ix-xhud esebixxa rapport (Dok. PC1), *sketch* (Dok. PC2) u ritratti (Dok. PC3).

Illi xehdet Samantha Bellia mill-Isptar Mater Dei li pprezentat kopja tal-fajl mediku ta' Francis Agius (esebit bhala Dok. SB1).

Xehed ukoll Francis Agius li qal li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru elfejn u tnax (2012) kien fil-vettura ma' Joseph Sammut u kienu sejrin il-Mellieha. Meta kienu fuq il-*bypass* tax-Xemxija semghu hoss u waqfu l-vettura. Xeghlu l-*hazard lights* u nizlu jaraw x'kien gara. Jghid li huma waqfu mal-genb (mal-hajt) tal-*bypass*. Wara li hareg mill-vettura jghid li s'hemmhekk biss jaf u jiftakar biss li kien quddiem il-karozza. Ix-xhud qal li laqas jaf li spiccaw haduh l-Isptar u ghamel tlett (3) ijiem ma jaf xejn fejn imbaghad meta qam ra lil ohtu u infurmatu li kien involut f'incident u li qieghed l-isptar. Ix-xhud qal li ghandu jaghmel tliet (3) operazzjonijiet u li ghadu qed ibghati l-konsegwenzi sal-lum il-gurnata. Qal ukoll li qed ikun il-hin kollu mugugh.

Illi xehed it-tabib Dr. Clive Gauci li qal li kien ezamina lil Francis Agius u kien ikklasifika l-griehi li sofra bhala gravi – certifikat esebit bhala Dok. CG1 a folio 119 tal-process.

Xehed ukoll Mr. Thomas Azzopardi li qal li Francis Agius dahal taht il-kura tieghu b'*multiple injuries* wara li kien safa' mtajjar minn vettura. Qal li Francis Agius kellu diversi ksur fejn kien dam aktar minn xahar gol-Isptar u l-istess xhud hejja wkoll rapport ta' *permanent disability* fejn ikkonstata li qed isofri minn dizabilita` ta' sitta u tletin fil-mija (36%) – rapport esebit bhala Dok.TA1 a folio 124 tal-process.

Xehed Joseph Sammut li qal li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla BMW u mieghu kien hemm Francis Agius fejn kienu sejrin il-Mellieha. Meta kienu fuq il-*bypass* ta' San Pawl fid-direzzjoni lejn ix-Xemxija qal li r-rih hataflu l-*cover* ta' taht il-magna u nizel iwahhlu. Jghid li pparkja mal-genb tat-triq, xeghel il-*hazard lights*, nizel u wahhal il-*cover* u wara ma jafx x'gara iktar. Huwa jghid li ma jahsibx li kien go xi dahla izda kien mal-genb tat-triq. Jispjega li huwa kien fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura tieghu u kien "*baxxut kokka*". Mieghu barra kien hemm ukoll Francis

Agius. Ix-xhud jghid li lanqas id-daqqa ma hass ghaliex intilef minn sensih. Ix-xhud qal li huwa ha kumpens tal-vettura u tal-*injuries* tieghu minghand sid il-vann (certu Joe Scerri). Skont ix-xhud l-imputat jigi l-gharus tat-tifla ta' Joe Scerri. Ix-xhud qal ukoll li huwa sar jaf lill-imputat wara l-incident proprju ghaliex mar ghandu d-dar. Dakinhar tal-incident ix-xhud jghid li ma rax lill-imputat.

Illi xehed ukoll John Sacco dwar il-polza ta' assikurazzjoni tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBH-314 li qal li bejn l-ewwel (1) ta' Novembru elfejn u tnax elfejn u tnax (2012) u l-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) l-imsemmija vettura kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni f'isem Joseph Scerri fejn l-*authorised drivers* kienu Lisa Xerri u kull sewwieq li ghandu iktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena - Dokument JS1.

Illi bhala provi difiza gew prodotti Audrey Sant u Matthew Pisani. Audrey Sant qalet li hija kienet tahdem ma' Carl Scerri u kienu johorgu flimkien. Kienu jahdmu fil-kumpanija Scerri's Garden Centre. Hija qalet li l-kumpanija kellha diversi karozzi u Carl Camilleri kien isuq dawn il-karozzi bl-ordni ta' Joseph Scerri li

huwa *"il-boss tal-kumpanija*". Qalet ukoll li kienet tisma' lil Joseph jistaqsi lil Carl sabiex iwasslu 'l hemm u 'l hawn u ghalhekk Joseph iktar minn darba kien flimkien ma' Carl Camilleri fil-karozza.

Ix-xhud Matthew Pisani qal li huwa kien jahdem ma' Carl Camilleri fil-kumpanija Flower Sales Limited. Qal li l-imputat kien jaghmel *deliveries* u anki xoghol fil-gonna. Skont ix-xhud il-kumpanija kellha erba' (4) vannijiet u kienu diversi n-nies li kienu isuquhom, fosthom Carl Camilleri. Ix-xhud ikkonferma li kemm-il darba ra lid-Direttur Joseph Scerri fl-istess vann ma' Carl Camilleri. Skont ix-xhud kien hemm impjegat wiehed li kien projbit milli jsuq vannijiet kbar jismu Emil. Il-vannijiet il-kbar kienu jsuquhom Carl u anki x-xhud.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni assolutament ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. In effetti mhux biss ma ngabet l-ebda prova fuq il-manjiera tas-sewqan

tal-imputat izda lanqas ma tressqet prova dwar min kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Fiat Doblo bin-numru tal-pjanci JBH-314.

Illi l-persuni li wegggħu b'konsegwenza ta' dan l-incident u cioe` Francis Agius u Joseph Sammut, fl-ebda hin ma raw lill-imputat. Huma kienu barra fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura taghhom jaraw xi hsarat kien hemm u ghaldaqstant bl-ebda mod ma raw il-vettura Fiat Doblo diehla fuq in-naha ta' wara tal-vettura BMW. Bl-istess mod ma setghux jaraw il-manjiera kif kien qed isuq lill-imputat u l-ebda wiehed mill-vittmi ma qal perezempju li jiftakar jisma' *break* qawwi qabel ma ntilef minn sensih li seta' kien indikazzjoni ta' velocita` eccessiva.

Illi bl-istess mod l-Ufficjal Prosekutur ma ressaq l-ebda xhud iehor li seta' jitfa' dawl fuq il-manjiera tas-sewqan tal-imputat u ghalhekk il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tkun konvinta li l-imputat, jekk dejjem kien l-imputat li kien qed isuq, saq b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti jew inkella b'mod perikoluz.

Illi l-uniku xhud li seta' jitfa' ftit dawl fil-kaz odjern kien PS935 Patrick Cassar li kien mar fuq il-post fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru elfejn u tnax (2012). Huwa pero` fl-ebda hin ma jghid li kien kellem lill-imputat Carl Camilleri wara li gara l-impatt. Huwa jirreferi ghalih bhala "is-sewwieq tal-vettura Fiat Doblo". PS935 lanqas biss gharaf lill-imputat fl-awla. Isem l-imputat johrog biss mir-rapport esebit minn PS935 li gie esebit bhala Dok. PC1.

Illi ghalhekk ma ngabitx prova la dwar min kien qed isuq, la dwar id-dinamika tal-incident u wisq aktar fuq il-manjiera tas-sewqan tal-imputat u b'hekk il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Carl Camilleri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom stante li ma gewx ippruvati.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**